**15 ta' Lulju, 1963**

***Imħallef:***

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Giovanni Muscat

*versus*

Francis Cremona

**Kompetenza — Kummerċjant — Att illeċitu**

*Il-kummerċjant li jikkommetti att illeċitu jibqa' soġġett għall-kompetenza tal-Qorti Kummerċjali anki fuq kwistjonijiet naxxenti minn dak l-att delitus.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut ad insaputa ta' l-attur ħa u ġarr għall-użu tiegħu personali kwantita ta' xaħx ta' proprietà ta' l-attur li kienet tinsab depositata taħt il-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr, talab li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti opportuni — l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata in kumpens tax-xaħx minnu meħud mingħajr ebda dritt u abusivament. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha, in linea preliminari, qal li dina l-Qorti hija nkompetenti peress li huwa kuntrattur u x-xaħx sewa għall-esekuzzjoni ta' kuntratt li kien qiegħed jesegwixxi hu, fil-meritu, qal li hu ried jagħti lura lill-attur l-istess kwantita ta' xaħx li bi żball l-impjegati tiegħu kienu ħadu mingħand l-attur;

Rat il-verbal tal-ewwel (1) ta' Lulju, 1963, min-

fejn jirriżulta li l-kontendenti jaqblu li huma t-tnejn huma kuntratturi;

Semgħat lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezjoni li trid tiġi maqtugħa hija dik diretta kontra l-kompetenza ta' dina l-Qorti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża. F'dana r-rigward it-teżi attriċi hi, kif irriżulta middibattitu orali, li n-natura ta' kommerċjant tal-konvenut m'għandhiex twassal għall-inkompetenza ta' dina l-Qorti biex il-kawża tiġi trattata mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ peress li l-att li ta lok għall-azzjoni mhux per se ta' natura kummerċjali billi ma jistax jissejjaħ tali l-att ta' kummerċjant li jieħu xaħx ta' ħaddieħor biex jużah f'xogħol lilu kommess għalkemm bħala kummerċjant; dana l-att hu illeċitu per se, u atti simili m'humiex u ma jistgħux ikunu fost dawk l-atti li jista' jagħmel kummerċjant u kwindi jagħti lok għall-azzjoni li għandha tkun esperibbli quddiem dina l-Qorti bħala t-tribunal ordinarju;

Illi għalkemm dina s-sottomissjoni hija korreta, però huwa wkoll evidenti li l-azzjoni tal-konvenut hija konnessa mal-attività tiegħu ta' kummerċjant; għalkemm skond it-teżi attriċi, dina l-attività, fil-każ in eżami, tista' tipparteċipa min-natura ta' delitt dana l-fatt (li qed jiġi aċċettat biss bħala ipotesi, billi provi dwar l-eventwali mala fede tal-konvenut ma nġiebux u ma kienux meħtieġa għall-fini ta' dina l-eċċezzjoni) ma jirrendix analoga ta' kompetenza ta' dina l-Qorti billi l-obbligazzjoni naxxenti mill-att delituż kompjut tieħu hi stess karattru kummerċjali mħabba l-konnessjoni tagħha mal-kummerċ tal-konvenut, u kwindi hu xieraq li tittieħed konjizzjoni

tagħha mit-tribunal kummerċjali. Dana l-prinċipju ġie sančit fil-kawża riportata fil-kollezzjoni Vol. XXXIII, i, 639 u applikat f'kawża, fejn il-fatti għandhom ċerta analoġija ma dawk tal-kawża preżenti, riportata fil-Vol. XXXVIII, ii, 523.

Għal dawna l-motivi;

Il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tagħha sollevata mill-konvenut u tiddikjara li hija nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae". Bl-ispejjeż kontra l-attur lil min jibqgħu riservati d-drittijiet tiegħu skond il-liġi.